

IT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

Rikors ippreżentat fl-4 ta' April 2011 — ZZ vs Il-Parlament

(Kawża F-35/11)

(2011/C 211/67)

Lingwa tal-kawża: l-Islovakk

Partijiet

Rikorrent: ZZ (rappreżentant: J. Rybánsky, avukat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

Suġġett

L-annullament tad-deċiżjoni tal-konvenut li jagħti lir-rikorrent biss nofs l-allowance ta' installazzjoni li normalment hu intitolat għaliha.

Talbiet tar-rikorrent

- jannulla d-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew (Unità tad-Drittijiet Individwali) tat-28 ta' Mejju 2010 dwar l-allokkazzjoni tal-allowance ta' installazzjoni lir-rikorrent f'dik il-parti li tistabbilixxi l-allowance ta' installazzjoni għal perijodu ta' xahar biss tas-salarju bażiku u li ma tikkonċedix l-allowance ta' installazzjoni ekwivalenti għal xahrejn tas-salarju bażiku;
- jannulla d-deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Jannar 2011, li tiċħad l-ilment tar-rikorrent ippreżentat skont l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea;
- jikkundanna lill-Parlament għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fit-23 ta' Mejju 2011 — ZZ vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-57/11)

(2011/C 211/68)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: ZZ (rappreżentanti: B. Cortese u C. Cortese, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Suġġett

L-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma tirrikonossix l-effett tal-aċċettazzjoni, mir-rikorrent, tal-pożizzjoni ta' uffiċjal

bi prova (assistent) fiċ-Ċentru Komuni ta' Riċerka bħala assistent tekniku, offruta lilu mill-Kummissjoni, u t-talba għall-kumpens għad-danni materjali u morali.

Talbiet tar-rikorrenti

- jannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni, li tinsab fl-ittra tagħha tal-5 ta' Awwissu 2010, li ma tirrikonossix l-effett tal-aċċettazzjoni, mir-rikorrent, tal-pożizzjoni ta' uffiċjal bi prova (assistent) fiċ-Ċentru Komuni ta' Riċerka, f'Ispra, bħala assistent tekniku, offruta lilu mill-Kummissjoni permezz tad-deċiżjoni li tinsab fl-ittra tat-30 ta' Lulju 2010, mibgħuta lilu permezz tal-posta elettronika fit-30 ta' Lulju 2010, u li tirrevoka dik l-offerta;
- jannulla, sa fejn hu meħtieġ, l-atti preparatorji għall-imsemmija deċiżjoni kkontestata;
- jannulla, sa fejn hu meħtieġ, id-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra li tirrifjuta l-ilment imressaq mir-rikorrenti u li tinsab fl-ittra tal-10 ta' Frar 2011, ikkomunikata lir-rikorrent l-għada;
- jikkundanna lill-Kummissjoni tħallas kumpens għad-danni materjali li jirriżultaw mid-deċiżjoni li ma tirrikonossix l-effett tal-aċċettazzjoni, mir-rikorrent, tal-pożizzjoni bi prova (assistent) fiċ-Ċentru Komuni ta' Riċerka, f'Ispra, bħala assistent tekniku, offruta lilu mill-Kummissjoni permezz tad-deċiżjoni li tinsab fl-imsemmija ittra tat-30 ta' Lulju 2010; il-ħsara qiegħda tiġi provviżorjament ikkwantifikata billi tiġi kkalkolata d-differenza bejn ir-remunerazzjoni totali reali li rċieva r-rikorrent fil-pożizzjoni tiegħu bħala aġent temporanju fiċ-Ċentru Komuni ta' Riċerka u dik li kien ikun intitolat għaliha kieku ġie tempestivament impjegat wara l-aċċettazzjoni tal-imsemmija offerta għall-pożizzjoni ta' uffiċjal fl-ewwel skala tal-grad AST 3, biż-żieda tal-interessi moratorji;

— jikkundanna lill-Kummissjoni tħallas kumpens għad-danni morali li jirriżultaw mid-deċiżjoni li ma tirrikonossix l-effett tal-aċċettazzjoni, mir-rikorrent, tal-pożizzjoni ta' uffiċjal bi prova (assistent) fiċ-Ċentru Komuni ta' Riċerka, f'Ispra, bħala assistent tekniku, offruta lilu mill-Kummissjoni permezz tad-deċiżjoni li tinsab fl-imsemmija ittra tat-30 ta' Lulju 2010, kif se jkun stabbilit *ex aequo et bono* mit-Tribunal tas-Servizz Pubbliku, u li qed jiġi indikat hawnhekk, provviżorjament, għal ammont daqs tliet darbiet ir-remunerazzjoni mensili bażika ta' uffiċjal fl-ewwel skala fil-grad AST 3, fl-ammont totali ugwali għal EUR 10 001,31;

— jikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.